# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-2 ta' Mejju, 2017**

**Rikors Numru 974/2016 SM**

**HSBC Bank Malta p.l.c.**
**(C – 3177)**

**vs.**

**D'Elena Decor Limited**
**(C-12762)**

**Wayne Chetcuti (K.I. Nru 1203A) u**

**Leisure 2000 Ltd.**
**(C-18522)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-28 t'Ottubru, 2016, li permezz teighu s-socjeta` rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti:

1.1. Illi l-intimati huma debituri tal-bank rikorrenti a bazi ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Nicholas Vella datat it-28 ta' Frar, 2002, fl-ammont ta' tnejn u tletin elf, mitejn u hamsa u tletin Lira Maltin u sitta u sittin centezmu, (Lm32,235.66), ekwivalenti ghal hamsa u sebghin elf u tminja u tmenin euro u disghin centezmu, (€75,088.90), (ara foll 3);

1.2. Illi ghalkemm l-intimati affettwaw diversi pagamenti xorta ghadhom debituri tas-socjeta` rikorrenti;

1.3. Illi *ai termini* tal-artiklu 258(c) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta qed titlob li tkun awtorizzata tesegwixxi l-istess titolu fil-konfront tal-intimati ghall-bilanc dovut;

1.4. Illi ghaldaqstant aderiet din il-qorti biex l-intimati jkollhom opportunita` jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.4.1. Tiddikjara li d-dejn dovut mill-intimati ghadu mhux saldat kollu;

1.4.2. Tordna l-esekuzzjoni tal-istess titolu esekuttiv fuq imsemmi *ai termini* tal-artiklu 258(c) tal-Kap 12 fuq riferit *stante* li ghaddew aktar minnu hames (5) snin mid-data tal-kuntratt;

1.4.3. Bl-ispejjez;

2. Rat il-verbal tal-abbli rapprezentanti legali tas-socjeta` rikorrenti datat it-8 ta' Marzu, 2017, li permezz tieghu irrilevat li l-intimati kollha gew debitament notifikati permezz tal-pubblikazzjoni u konsegwentement l-istess intimati huma fi stat ta' kontumacja, (ara foll 39);

3. Rat ukoll il-verbal ulterjuri tal-istess rapprezentanti legali fuq riferit li permezz tieghu ddikjara li l-fatti elenkati fir-rikors guramentat promotur ma nbidlux bl-eccezzjoni ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-imghaxijiet dovuti mill-intimati lis-socjeta` rikorrenti, (ara foll 39);

4. Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

5.0. Illi in vista tas-suespost din il-qorti hi sodisfatta li s-socjeta` rikorrenti pprovat il-kaz taghha skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

5.1. Tiddikjara li d-dejn rimanenti, ai termini tal-kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Nicholas Vella datat it-28 ta' Frar, 2002, u fl-ammont ta' €75,088.90, hu dovut mill-intimati lis-socjeta` rikorrenti;

5.2. Tordna ghalhekk l-esekuzzjoni tal-istess titolu esekuttiv fuq imsemmi *ai termini* tal-artiklu 258(c) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta *stante* li ghaddew aktar minn hames (5) snin mid-data tal-imsemmi kuntratt;

5.3. Bl-ispejjez *in solidum* kontra l-intimati.

__________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**